MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2028/2002

**Avviz Numru 2028/02 AJD
Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera' ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Hotel Bernard Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm583.17) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' Lm465.10 Royalty in konnessjoni mal-licenzja Nru 011182 (Dok. 'A'); u , Lm42.00 in konnessjoni mal-licenzja numru 9134 (Dok. 'B' u 'B1') rilaxxjati mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut u rigwardanti l-istabbiliment 'Hotel Bernard',

San Giljan; u Lm76.07 Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalties dovuti bil-quddiem ghal perijodu mis-6 ta' Awissu 2001 sal-5 ta' Awissu 2002 u mis-6 ta' Dicembru 2001 sal-5 ta' Dicembru 2002 rispettivament.
Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz komprizi dawk tal-ittri legal ital-31 ta' Ottubru 2001 u tat-28 ta' Frar 2002 rispettivament kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segqenti:
It-talba attrici hija kontestata u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici stante li din is-socjeta' attrici m'hijiex legalment intitolata li titlob, tircievi u taccetta l-hlasijiet imsemmija minnha fl-Avviz minghand is-socjeta' konvenuta peress li fil-perijodu msemmi fl-Avviz is-socjeta' attrici ma kienetx 'collecting society' legalment inkorporata u licenzjata mill-Awtorita' sorveljanti ai termini ta' l-Artikolu 53 tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema' x-xhieda ta' John Dingli, ta' Dr. Kevin Dingli, ta' Tony Camenzuli. Ha konjizzjoni tac-cirkostnazi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tas-27 ta' Novembru 2002 fejn it-Tribunal iddikjara li n-natura tal-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta twessa' l-mertu tal-azzjoni attric u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 7(2)(a) tal-Kap. 380 it-Tribunal issospenda dawn il-proceduri u kkonceda lis-socjeta' konvenuta xahar zmien sabiex tiproponi l-azzjoni proposta minnha 'per via d'eccezione'.

Ra li s-socjeta' konvenuta ma propnitx l-imsemmija azzjoni fit-terminu lilha preskritt fid-digriet tas- 27 ta' Novembru 2002. Ai termini tal-istess digriet it-Tribunal ghalhekk ipproceda billi jiddeciedi dwar it-talbiet attrici minghajr ma ha konjizzjoni tal-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra:

Illi l-azzjoni attrici tirrigwarda ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bhala Royalty in konnessjoni mal-licenzji bin-numru 011182 u 9134 , liema Royalties kienu dovuti bil-quddiem ghall-perijodu mis-6 ta' Awissu 2001 sal-5 ta' Awissu 2002 u mis-6 ta' Dicembru 200 sal-5 ta' Dicembru 2002 rispettivament Dawn il-licenzji gew rilaxxjati in konnessjoni mal-istabbiliment 'Hotel Bernard' f'San Giljan u kopja taghhom giet debitament esebita (a fol. 2,3 u 4 tal-process).

Illi m'huwiex kontestat li dawn il-licenzji effettivament gew rilaxxjati mis-socjeta' attrici favur is-socjeta' konvenuta u l-anqas ma huwa kontestat li r-Royalties mitluba ma thallsux. Is-socjeta' konvenuta izda tikkontendi l s-socjeta' attrici ma kienetx intitolata tesigi l-pagament ta' dawn ir-Royalties stante li fil-perijodu in kwistjoni l-istess socjeta' attrici ma kienetx registrata bhala 'collecting society' ai termini tal-Artikolu 53 tal-Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif diga' stabblit fid-digriet tas-27 ta' Novembru 2002, it-Tribunal jirritjeni li n-natura ta' din l-eccezzjoni twessa' l-mertu tal-azzjoni attrici u li t-Tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jiddeciedi dwar il-kwistjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta 'per via d'eccezione'. In vista ta' dan il-fatt u ai termini tal-Artikolu 7 (2) (a) tal-KAp. 380, gie koncess terminu ta' xahar lis-socjeta' konvenuta sabiex hija tipropni l-azzjoni minnha sollevata 'per via d'eccezione.' Kif diga' ntqal aktar il-fuq dan it-terminu ghadda inutilment fis-sens li s-socjeta' konvenuta ghazlet li ma tipropniex tali azzjoni u t-Tribunal ghalhekk ser jiddeciedi dwar l-azzjoni attrici minghajr ma jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Illi mill-provi rrizulta ampjament li t-talba attrici hija talba ghall-hlas ai termini tal-Artikolu 3 (2) tal-Kap. 380 u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu kompetenza sabiex jiddeciedi dwar il-kwistjoni.  Mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet fejn is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas ir-Royalties in kwistjoni ai termini tal-licenzji esebiti a fol. 2,3 u 4 tal-process u li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Illi oltre l–eccezzjoni hawn fuq imsemmija s-socjeta' konvenuta ma resqet ebda eccezzjoni ohra n kwantu jirrigwrda t-talbiet attrici.

Ghal dawn i-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm583.17), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------